**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 456/2017**

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**Youssef Rhouni**

Illum 27 ta' Frar 2019

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Youssef Rhouni, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 286995M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli Fit-2 ta' April, 2013, ghall-habta tas-14:00 PM u tal-17:30 PM, gewwa dawn il-gzejjer:

1. Ghamel uzu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika (*mobile*) billi qal dagha, kliem oxxen, u theddid fil-konfront ta' PS 1300, J. Fenech, ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku;
2. U aktar talli ingurja, u/jew hedded bi kliem lil PS 1300, J. Fenech, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qieghda taghmel dak is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu, jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. U aktar talli meta kien informat bil-fomm sabiex jattendi gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra huwa naqas milli jaghmel dan;

4. U aktar talli fl-istess data, ghall-habta tas-19:00 PM, waqt li kien gewwa l-fond *56, Gold Medal, Flat D, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar*, naqas li jobdi ordnijiet legittimi ta' awtorita, *cioe'*, ta' PS 1300, J. Fenech, persuna nkarigata minn servizz pubbliku, jew ma halliehx, jew fixklu waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijietu billi ma halliehx jaghmel dak li b'ligi kien ordnat, jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn, jew hassar dak li PS 1300, J. Fenech, kien ghamel skont il-ligi jew b'xi mod iehor;
5. U aktar talli fl-istess data, hin u lok ingurja, u/jew hedded bi kliem lil PS 1300, J. Fenech, lil PC 156, I. Attard, u lil PC 188, L. Camilleri, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu dak is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
6. U aktar talli minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddab tazzi tal-hgieg, jew qabad armi ohra kontra PS 1300, J. Fenech, PC 156, I. Attard, u PC 188, L. Camilleri;
7. U aktar talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
8. U aktar talli kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, u/jew glied;
9. U aktar talli waqt li kien f'post pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx fi stat li jiehu hsieb tieghu nnifsu;
10. U aktar talli stieden lil PS 1300, J. Fenech, PC 156, I. Attard, u lil PC 188, L. Camilleri, ghall-glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-31 ta' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, hlief ghas-sitt imputazzjoni, li minnha illiberatu, u ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali dawn gew sospizi ghal zmien sentejn, u ghall-hlas ta' multa ta' tlett elef Ewro (€3,000).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Youssef Rhouni, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti, fl-10 ta' Novembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn gie lliberat mis-sitt akkuza, imma tirriduci l-piena komminata ghar-ragunijiet premessi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Youssef Rhouni, huma s-segwenti w *cioe'*:-

> "Illi l-piena komminata mill-ewwel Onorabbli Qorti ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal zmien sentejn, u ghall-hlas ta' multa ta' tlett elef Ewro (€3,000), hija eccessiva u hemm lok illi tigi rikalibrata. Dan peress illi l-esponenti wera illi huwa nidem mill-atteggjament censurabbli tieghu, u l-ingurji illi wettaq saru fi stat ta' sokor meta l-esponenti ma kienx fil-kontroll shih tas-sensi tieghu. Illi hareg car fil-fazi struttorja illi l-ghemil tal-esponenti ma kellu l-ebda ghan specifiku, u ma kienx deliberat fil-konfront tal-ebda ufficjal partikolari, imma sar f'mument ta' rabja u frustrazzjoni. Ghaldaqstant, l-applikazzjoni tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 kellha tigi mitigata bl-applikazzjoni tal-artikolu 252(2) tal-Kap. 9 u l-esponenti kellu jinstab hati ta' kontravenzjoni.
>
> Effettivament, l-esponenti gie misjub hati ta' ingurja fil-konfront ta' ufficjal pubbliku, u ghaldaqstant, il-piena komminata mill-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 giet mizjuda bi grad jew tnejn *ai termini* tal-artikolu 9. Madankollu, l-piena gusta kellha tkun dik komminata mill-artikolu 252(2) tal-Kap. 9.
>
> Illi hemm lok illi s-sentenza appellata tigi rikalibrata, aktar u aktar meta setghu jigu applikati l-artikolu 254 u 378 tal-Kap. 9. Illi r-rikwalifika tal-akkuzi dedotti fil-konfront tal-esponenti bhala ta' natura kontravenzjonali, tikkomporta illi s-sentenza ta' sitt xhur habs moghtija lill-esponenti tinbidel f'wahda ta' detenzjoni, illi skont l-artikolu 12(1) tal-Kap. 9 ma tistax teccedi xahrejn u l-multa tinbidel f'ammenda. Illi jekk ikun hemm konkors ta' kontravenzjonijiet, huwa applikabbli l-artikolu 17(c) tal-Kap. 9 u f'tali kaz, il-perjodu ta' detenzjoni m'ghandux jeccedi tlett xhur. Illi *in vista* ta' dan kollu, s-sentenza ta' sitt xhur prigunerija u ta' multa ta' €3,000 hija ferm eccessiva u ghandha tigi rikalibrata.
>
> Illi fit-tieni lok, l-esponenti jissottometti bil-qima illi ma kienx hemm lok li jinstab hati skont l-artikolu 338 (f) tal-Kap. 9 ghax hu kien fis-sakra fid-dar tieghu, u mhux f'lokal pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku. Lanqas kellu jinstab hati taht l-artikolu 355AD tal-Kap. 9 ghaliex ic-cirkostanzi tal-kaz *de quo* m'humiex dawk indikati fl-artikolu sucitat.
>
> Illi fit-tielet lok, il-multa komminata skont l-artikolu 49 (c) tal-Kap. 399 hija eccessiva. Ghalkemm il-ligi ma timponix minimu imma massimu ta' €23,293.73, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz fejn l-esponenti qal diskors mhux xieraq fuq it-telefon fi stat ta' sakra u ta' agitazzjoni, kellhom jimmeritaw multa inqas, u ghaldaqstant, hemm lok ukoll illi din il-multa tigi rikalibrata.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi dan l-appell jirrigwarda limitatament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi li dwarhom l-appellant gie misjub hati u cioe' dik ta' sitt xhur prigunerija liema terminu ta' prigunerija gie sospiz ghal zmien sentejn kif ukoll l-imposizzjoni ta' multa ta' €3000, liema piena fil-fehma tieghu kienet waħda eċċessiva. Ighid li iddispjaċiħ ta' dak illi għamel, liema agir inkriminatorju jishaq kien konsegwenza tal-fatt illi huwa kien fi stat ta' sokor, billi f'dak iz-żmien huwa kien maħkum bil-vizzju tax-xorb.

Issa jibda' biex jinghad, qabel kull konsiderazzjoni ohra dwar il-mod kif il-piena giet ikkalibrata mill-Ewwel Qorti, illi huwa ben risaput li s-sokor ma jista' qatt jintuża ai fini ta' ġustifikazzjoni jew skużanti għar-responsabbilta kriminali salv għall-eċċezzjonijiet ipprovduti fis-subartikolu (2) ghal-artikolu 34 tal-Kodici Kriminali li ma jezentax lil min jixrob volontarjament u jisker sakemm ma jkunx afflit minn insanita' mentali temporanja li f'ebda stadju tal-proċeduri ma ġie eċċepit mill-ebda parti.[1] Anzi jingħad li skont ix-xhieda tal-pulizija li effettwaw l-arrest tal-appellant, jidher illi allavolja l-appellant kien qed jixrob il-*vodka* fil-mument li ġie arrestat u kien fis-sakra, hu kien jaf x'qed jagħmel u kien f'sensieħ inkluż meta kien qed jindirizzhom bl-insulti, bit-theddid u bid-dagħa li a differenza ta' dak li stqarr l-appellant fir-rikors tiegħu, kien jidher li kien direzzjonat lejhom bħala uffiċjali fil-kors tax-xogħol tagħhom u dan waqt li kienu qedgħin jipprocedu ghall-arrest tieghu. L-agir abbuziv tal-appellant fil-fatt jidher illi beda minnufih hekk kif huwa gie avzat mill-PS1300 sabiex jinzel l-ghassa tal-pulizija biex jigi mitkellem mill-pulizija.

In allura fil-fehma ta' din il-Qorti, l-pretensjoni tal-appellant fejn talab illi l-piena kontemplata fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali kellha tiġi mitigata għall-piena ta' kontravenzjoni skont id-dettami tal-artikolu 252(2), fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, ma tistax tintlaqa'. Jibda biex jingħad illi skont l-artikolu 95 il-piena applikabbli fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat hija l-piena *stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew*

[1] Ara fost oħrajn is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Mario Camilleri deċiża nhar is-6 ta' Ottubru 1998 mill-Imħallef Patrick Vella fil-Qorti tal-appell Kriminali Inferjuri kif ukoll Pulizija vs Grazio Spiteri deċiża nhar is-7 ta' Lulju 1997 mill-Imħallef Vincent Degaetano fil-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.

*għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda bi grad.* Issa l-artikolu 252 li llum il-ġurnata ġie revokat permezz tal-Att XI tas-sena 2018, kien jirrigwarda l-inġurji li igorru l-piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija. Mill-banda l-oħra s-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu iwaqqa' il-piena ghal dan ir-reat għal waħda kontravenzjonali meta *ssir bi kliem mhux imfisser ċar jew b'ċanfir mhux speċifikat inkella bi kliem jew egħmil li jkun biss mhux xieraq*, liema disposizzjoni tal-ligi fil-fehma ta' din il-Qorti ma japplikax ghal fattispecje ta' dan il-kaz.

Din il-Qorti kellha l-opportunita' tisma' r-reġistrazzjoni konsistenti mid-diskors elokwenti tal-appellant fil-konfront tal-uffiċjali tal-pulizija li kienu qedgħin jeżegwixxu l-arrest tiegħu u fil-fehma Tagħha, indubbjament dan id-diskors kien ċar fit-tifsira tiegħu u kien indirizzat inekwivokabbilment fil-konfront tal-pulizija waqt li kienu qedgħin jagħmlu xogħlhom. In oltre jinstema ċar li l-appellant qed jiġi mwissi sabiex jiddezisti minn dan id-diskors, partikolarment meta jidgħi u jirrispondi b'rifjut u aktar dagħa, indikazzjoni allura tal-fatt li kien qed jifhem sew dak li kien qed jingħad lilu u liema struzzjonijiet hu għażel li jisfida bi tweġibiet aktar 'ikkuluriti'.

*Di piu'* għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikoli 254 u 378 tal-Kodiċi Kriminali, fejn l-artikolu 254 ukoll ġie revokat permezz tal-Att XI tas-sena 2018, dawn jinqraw kif ġej:

> **254.** *Meta jkun hemm raġunijiet ta' skuża, il-qorti tista' tagħti piena anqas minn dawk hawn fuq imsemmijin jew tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 378, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.*

Liema artikolu 378 jiddisponi:

> **378.** *Fil-każ ta' kontravvenzjoni għal insulti, inġurji jew theddid, il-qorti tista', fis-sentenza, tagħti lill-ħati, bħala kondizzjoni biex jeħles mill-piena kollha jew minn biċċa minnha, li jgiddeb ruħu jew li jitlob skuża lill-offiż quddiem il-qorti bil-miftuħ, skont ma tkun ix-xorta tal-kontravvenzjoni.*

Illi kif diġa ġie aċċennat preċedentement is-sokor fil-każ in eżami mhux qed jitqies bħala skuża u kwindi l-artikolu 254 ma jsibx applikazzjoni. Fit-tieni lok għal dak li

jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 378, ir-reat kkontemplat taħt l-artikolu 95, kif ukoll l-ewwel akkuża miġjuba kontra l-appellant li taqa' taħt id-dettami tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u li tagħhom mhijiex qed tiġi kkontestata l-ħtija mill-appellant, ma jitqiesux bħala kontravenzjonijiet anki jekk għas-saħħa tal-argument biss qed jingħad, kellha tiġi applikata l-piena kontravvenzjonali. Anzi għal dak li jirrigwarda ir-reat mahsub fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, il-Qrati tagħna dejjem irritenew illi r-reati kommessi kontra membri tal-korp tal-pulizija għandhom jingħataw ċerta piz u dan għandu jiġi rifless fil-piena kif imposta li ġeneralment tkun waħda karċerarja speċjalment meta jkun hemm użu ta' vjolenza jew resistenza qawwija.[2]

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet hija l-fehma ta' din il-Qorti li m'għandu jinbidel assolutament xejn mill-piena kif imposta fuq l-appellant liema piena taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi, u hija ekwa u ġusta fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ billi tieħu qies ukoll tal-fatt li l-appellant iddispjaċih ta' għemilu.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi fl-aggravji minnu intentat l-appellant donnu jilmenta ukoll mis-sejbien ta' htija ghat-tielet u id-disgha akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema reati jaqghu taht dak dispost fl-artikoli 355AD u 338(ff) tal-Kodici Kriminali. Madanakollu l-appellant ma jitlob l-ebda revoka ta' dik il-parti tad-decizjoni appellata fejn l-Ewwel Qorti sabitu hati ta' dawn l-akkuzi. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk din is-sottomissjoni ma tistax tigi ikkunsidrata sakemm ma jkunx hemm talba appożita għal-liberatorja minnhom u il-konsegwenti riforma fis-sentenza oriġinarjament imposta. Għal kull buon fini, madankollu, jingħad li l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi, għażlet illi temmen il-verżjoni tal-fatti kif deskritt mill-uffiċjali tal-pulizja li jikkonfermaw li l-appellant kien fi stat ta' sokor mhux biss fir-residenza privata tiegħu iżda baqa f'dan l-istat fi triqtu lejn il-*lock up* tal-pulizija kif ukoll meta'

[2]Ara fost oħrajn il-każ fl-ismijiet Il-Pulizija Vs Felice Ivan (John) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar l-04/06/2002: 'Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (Attakk jew Resistenza lil Ufficjal Pubbliku) huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skont il-ligi minn awtorita` kompetenti - bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom - ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita` mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija'.

kien fiċ-ċella sakemm ikkalma, kif ukoll jikkonfermaw li l-appellant kategorikament irrifjuta li jinżel l-għassa meta debitament intalab jagħmel hekk minn PS1300, tant illi kellhom jeżegwixxu l-arrest mir-residenza tiegħu.

Finalment għal dak li jirrigwarda l-multa imposta fid-dawl tal-piena ravviżata għall-ksur tal-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 399, huwa evidenti li l-*quantum* impost mill-Ewwel Qorti joqrob lejn il-minimu dispost fil-ligi u kwindi hija l-fehma ta' din il-Qorti li din il-piena ma ghandhiex tigi varjata tenut kont ukoll tal-fatt illi l-appellant ma ressaq l-ebda argument validu in sostenn tat-talba tieghu ghar-riduzzjoni ulterjuri tal-multa inflitta.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi illi tiċħad l-appell ta' Youssef Rhouni u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur